Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8362 — Lonza Group/Capsugel)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 96/07)

1. Fis-17 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha Lonza Group AG ("Lonza", l-Isvizzera) takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Capsugel S.A. kollha kemm hi (Capsugel, il-Lussemburgu) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Lonza: fornitura ta' servizzi lill-industriji tal-farmaċewtiċi, tal-kura tas-saħħa u tax-xjenza tal-ħajja, inkluż l-iżvilupp ta' kuntratt u servizzi ta' organizzazzjoni tal-manifattura għall-bijoloġiċi, kimiċi fini, intermedji avvanzati u ingredjenti farmaċewtiċi attivi u l-manifattura, l-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' ingredjenti attivi għall-użu fil-prodotti tal-kura tal-konsumatur, l-agrikoltura, it-trattament tal-ilma, u l-kisi u kompożiti.

— Capsugel: id-disinn, l-iżvilupp u l-manifattura ta' firxa ta' forom ta' dożaġġ għall-industriji bijofarmaċewtiċi u tas-saħħa u n-nutrizzjoni, inkluż it-twassil ta' prodotti ta' dożaġġ orali solidu bħall-ġelatina iebsa, ġelatina ratba, kapsuli mimlija bil-likwidu u alternattivi ta' polimeru.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8362 — Lonza Group/Capsugel, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").